# Teatru Manoel

1732

ACTORS STUDIO

flimkien mal-

BANK OF VALLETTA

*jippreżenta*

# IR-REWWIXTA TAL-QASSISIN

dramm f'żewġ atti ta'
ALFRED BUTTIGIEG

mużika ta':
MANOEL PIROTTA

direzzjoni ta':
MICHAEL FENECH

fit-
TEATRU MANOEL
Valletta

nhar is-Sibt u l-Ħadd, 20 u 21 ta' Diċembru, 1986

## IR-REWWIXTA TAL-QASSISIN

*Jieħdu sehem:*

| | |
|---|---|
| Rettur | **Renald Galea** |
| Narratur | **Ivan Fenech** |
| Mons. Isqof Labini | **J.C. Caruana** |
| Ximenes | **Mario Attard** |
| Pellerano/Vigarju Ġenerali | **Joe Camilleri** |
| Mannarino | **Dominic Said** |
| Qassis 1/Mons. Lante | **Manoel Cassar** |
| Qassis 2/Sekular | **Philip Mizzi** |
| Kavallier 1 | **John Grech** |
| Kavallier 2 | **Brian Muscat** |
| Raġel 1/Qassis | **Pawlu Schembri** |
| Raġel 2/Skrivan | **Aldo Briffa** |
| Raġel 3/Qassis | **Hubert Mugliette** |
| Raġel 4/Qassis | **David Agius** |
| Raġel 5/Qassis | **Simon Gatt** |
| Mara 1 | **Lilian Pace** |
| Mara 2 | **Marianne Muscat** |
| Mannarino x-Xiħ | **J.P. Borg** |

*Mużiċisti*

| | |
|---|---|
| Pjanu | **Manoel Pirotta** |
| Vjolin | **Daniel Azzopardi** |
| Klarinett | **Eric Benn** |

*Wara l-Kwinti*

| | |
|---|---|
| Direttur tal-Palk | **Wilfred Kenely** |
| A.S.M. | **Mario Cassar, Therese Sammut** |
| Disinn tas-Sett | **Augustus Cardinali** |
| Poster | **Michael Piscopo** |
| Kostumi | **Sylvia Azzopardi** |
| Wardrobe | **Josephine Ellul, Annabelle Grech** |
| Props | **Anthony Ellul** |
| Book | **Josephine Ellul** |
| Make-Up | **Lina Galea Cumbo** |
| Pubbliċità | **Alfred Buttigieg, Michael Piscopo, Anthony Ellul** |
| Ritratti tal-Pubbliċità | **Natalino Fenech** |
| Mużika | **Manoel Pirotta** |
| Produzzjoni | **Actors' Studio** |

*Għat-Teatru Manoel*

| | |
|---|---|
| Booking Clerk | **Michelle Muscat** |
| Dwal | **Vanni Laus** |
| Mastrudaxxa tal-Palk | **Emm. Dalli, F. Mifsud** |

*Ħajr lil:*

***G.E.M., Catholic Institute, Tony Stroud, Connie Schembri, Tonia Farrugia, John Saliba***

## ALFRED BUTTIGIEG

Alfred Buttigieg għamel in-novizzjat tiegħu fi ħdan l-*Ateatru* u l-*Lyceum Youth Theatre* fil-bidu tas-snin Tmenin. Fost ix-xogħlijiet li ttellgħu tiegħu kien hemm *La Logique* li l-kritiku Pawlu Xuereb iqis bħala 'one of the cleverest one-acters in Maltese I know', *Lqugħ Għad-Dawl* li ttellgħet ukoll f'verżjoni bl-Ingliż f'diversi swali f'Londra, *Il-Gwardarobba tar-Re* imnebbħa mill-ħrafa ta' Hans Andersen, u *Ubu Rex* ta' Alfred Jarry b'addattament ħieles għall-*Maltafest 85*. Buttigieg huwa wkoll l-awtur ta' *Gezzu,* ħrafa għall.kbar u tal-ktieb kontroversjali *Dik il-Qtajra*. Ippubblika wkoll żewġ kotba għat-tfal, *A.B.C.* u *Fittex Kelma*.

## MICHAEL FENECH

Michael Fenech huwa għalliem fl-iMTADA u kien il-Fundatur tal-*Lyceum Youth Theatre* u *Ateatru*. Huwa magħruf l-aktar għat-teatru politiku u soċjalment impenjat li għażel li jtella'. Fost ix-xogħlijiet li dderieġa nsibu *Exit The King* ta' E. Ionesco, *Metamorfożi* ta' F. Kafka b'addattament għall-palk tiegħu stess, *Marat/Sade* ta' P. Weiss f'verżjoni bil-Malti, *La Logique* u *Lqugħ għad-Dawl* ta' A. Buttigieg, *Ubu* għall-*Maltafest 85, L-Opra tat-Tliet Ħabbiet* ta' B. Brecht u *Auschwitz* ta' P. Barnes. Huwa wkoll kittieb u direttur ta' xogħlijiet għat-tfal ta' l-iskejjel fosthom *Iċ-Ċirku Monda*.

## NOTA TAD-DIRETTUR

X'inhu l-iskop li taħdem teatru politiku llum? Żgur li mhux biex timmoralizza jew tippriedka. Hawn meżżi ħafna aktar effettivi għal hekk, u min juża ftit moħħu dejjem iżomm pass lura mill-predikaturi. Lanqas m'għandu l-iskop li jikkonverti jew jikkonvinċi: il-magna propagandeska partiġġjana tilħaq dan l-għan ħafna aktar malajr u fuq medda wisq usa' minn dik li jista' jilħaq it-teatru fis-sitwazzjoni preżenti.

Forsi li għandu l-iskop li jfiehem? Imma biex tfiehem xi ħaġa lil ħaddieħor trid qabel xejn tkun fhimtha sew int. Illum, meta l-passat storiku/politiku tagħna ġie tant manipulat miċ-ċiniżmu tal-poter, jista' xi ħadd jgħid b'wiċċu minn quddiem li fehem kollox u sew?

Għalhekk l-artist li jrid jgħid xi ħaġa politikament kif ukoll artistikament valida isib ruħu f'dilemma. Biex jgħid kollox u jkun ġust ma' kull naħa fl-argument tiegħu, jissogra li jintilef f'gelgul ta' fatti u ġrajjiet storiċi, bil-possibiltà li ma jinftehimx. Jew, biex jagħmel żgur li jinftiehem, jissimplifika, u jispiċċa jgħajjat l-islogans. Nafu sew li huma l-politikanti li jitkellmu bl-islogans. Hija l-funzjoni tal-politikant li jissimplifika u għalhekk juża l-lingwaġġ mejjet ta' l-islogan u l-cliché. Min-naħa l-oħra, l-artist biex jikkomunika, irid jaħrab mill-formoli lesti tal-politikanti u jfittex...

U l-polarizzazzjoni? Kif tista' tikkomunika 'l barra mill-iskemi lingwistiċi taż-żewġ parroċċi Maltin? Ix-xogħol li se naraw il-lejla jipprova jagħmel eżattament dan.

MICHAEL FENECH

TEATRU MANOEL. VALLETTA. MALTA
TEL. 222618/222659
TELEGRAMS: MANOEL